KUNSILL LOKALI NADUR

# Minuti tat-tielet (3) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur

## It-Tnejn, 8 ta' Ġunju, 2015 fis-7.00 pm

---

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Danica Cassar | Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ |
| *Joseph Azzopardi* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |

---

**1. Talba.**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**2. Minuti.**

Il-minuti tat-tieni (2) laqgħa, tat-Tnejn 11 ta' Mejju 2015, tat-tmien Kunsill ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u dikjarati bħala dokument uffiċjali. Il-Kunsill approva wkoll il-minuti tal-laqgħa tas-sotto-kumitat organizzattiv tal-Ġimgħa 9 ta' Jannar 2015.

Bħala punti mill-minuti, is-Sindku Edward Said innota:

a. Il-kompjuter tar-reception inxtara u qed jiffunzjona;
b. Saru dawn il-mirja - waħda faċċata ta' Triq Agius de Soldanis u oħra fi Triq it-Tiġrija faċċata ta' Triq San Blas;
c. Dwar l-offerta pubblika ta' Triq Sopu, Josianne Cutajar spjegat li din ngħalqet u ġiet aġġudikata, u għandha toħrog l-letter of acceptance fi żmien qasir;
d. Dwar il-*plant room* li għandna l-permessi għaliha mill-M.E.P.A. ser nġibu stima tax-xogħol involut u niddeċiedu iktar 'il quddiem jekk toħroġx kwotazzjoni fuq dan;
e. Dwar varjazzjonijiet tax-xogħlijiet tal-pjazza, is-Sindku ċċekkja mal-Perit u nfurmah li peress li d-differenzi huma inqas minn 5%, ma hemmx għalfejn nirreferu lid-Dipartiment tal-Kuntratti.

## 3. Korrispondenza.

Il-Viċi-Sindku talab li peress li ħafna mill-korrispondenza tkun tqassmet minn qabel, ma għandniex għalfejn noqogħdu naqrawha kollha. Is-Sindku Edward Said innota li hu ser jiffoka biss fuq korrispondenza fejn għandna bzonn nieħdu deċiżjonijiet.

| | |
|---|---|
| 5289 | Programm tal-Festa tal-Imnarja 2015. |
| 5290 | *E-mail* mingħand Antonella Grasso dwar taħriġ fuq *Promoting Equality u Managing Diversity.* |
| 5291 | *E-mail* mingħand Isabella Camilleri Aquilina dwar *Summer on the Move 2015.* |
| 5292 | E-mail mingħand Cora Vella Laurenti dwar laqgħat li se jsiru fuq il-Gastronomija Mediterranea. Il-Viċi-Sindku nnota li nistgħu nikkuntattjaw lil Alvin Scicluna bħala filming fuq it-turizmu. Rita Mifsud innotat li kull tant żmien tintgħazel tema partikulari. Is-Sindku spjega li ma nistgħux nipparteċipaw għax il-Kunsill irid ikun diġa żviluppa tema gastronomika biex ikun jista' jipparteċipa. |
| 5293 | *E-mail* mill-Green MT dwar l-ammont ta' piżijiet ta' skart miġbura mill-lokalita tan-Nadur fl-ewwel tlett xhur tas-sena. |
| 5294 | Talba mill-Arċipriet Jimmy Xerri biex il-Kunsill jibda jagħti 30 ewro (minflok 25 ewro) għal kull darba li s-sala tintuża bħala Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani, minn Settembru 2015. Il-Kunsill aċċetta din it-talba. Il-Viċi-Sindku innota li, bħalma qal drabi oħra, għandna ngħaqqdu l-isforzi biex ikollna post wieħed bħala ċentru għall-anzjani. |
| 5295 | *E-mail* mingħand Paul Gatt tal-ANSEK dwar it-tariffi l-ġodda tal-permessi għall-użu ta' makkinarju li jostakola t-traffiku fit-toroq. Inħareġ avviż legali dwar dan. |
| 5296 | *E-mail* mingħand *Charter of European Rural Communities* biex jaġġornaw il-*website* tac-charter. Is-Sindku spjega li dawn id-dettalji mtlew. |
| 5297 | Ittra mingħand l-Għaqda Armar Triq Diċembru 13 fejn jintalab permess biex tingħalaq Triq Ċimċem bejn l-24 ta' Ġunju u t-30 ta' Ġunju. Il-Kunsill aċċetta din it-talba. |
| 5298 | Memo 11/2015 dwar skema ta' restawr ta' postijiet storiċi li tagħlaq fit-30 ta' Gunju. Il-Viċi Sindku semma li fin-Nadur għandna sit fejn hemm possibilta ta' oqbra ta' żmien ir-Rumani li qegħdin fi propjeta privata. Is-Sindku nnota li din l-iskema toħroġ kull sena u, peress li m'għandniex informazzjoni biżżejjed dwarha, nistgħu napplikaw fis-snin li ġejjin. |
| 5299 | Ittra mingħand Transport Malta dwar estensjoni ta' *Double Yellow Lines* fi Triq San Ġakbu, dan ser isir mill-ħaddiema tal-Kunsill. |
| 5300 | Ittra mingħand Jorge Bosios fejn titlob li tieħu sehem fil-Wine Festival. |
| 5301 | Programm tat-tieni jum tat-Tridu tal-Għaqda Armar Triq Dicembru 13 li ser isir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur. |
| 5302 | Il-kliem tal-marċi tal-festa li qed jitqassmu bħalissa fid-djar, li saru bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur. |
| 5303 | *E-mail* mingħand Thomas Schembri fejn jintalab permess biex tingħalaq triq waqt filming. |
| 5304 | *E-mail* mibgħuta mill-Kunsill lis-Sur Simon Said biex jintalab sponsorship għall-attivita tat-tfal fi żmien l-Imnarja. Dan aċċetta t-talba tagħna. |
| 5305 | *E-mail* mingħand Mary Muscat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-Premju Peter Serracino Inglott. |
| | |

| | |
|---|---|
| 5306 | Ittra mingħand Joe Mifsud mill-Ministeru għal Għawdex biex javża li l-Ministru ħatar kumitat biex jikkordina l-attivitajiet tal-Milied. Is-Sindku ser jiddiskuti ma' Toni Sammut dwar il-presepju ħaj ta' Triq it-Tiġrija. Ser niċċekkjaw x'kien hemm is-sena l-oħra biex ninkluduhom. |
| 5307 | Ittra mill-MEUSAC dwar sejħa għall-proposti fis-settur turistiku għall-fondi Ewropej li tagħlaq fit-30 ta' Ġunju 2015. |
| 5308 | Konferma mingħand il-Government Service Forms dwar aċċettazzjoni ta' applikazzjoni għal *Double Yellow Lines* fi Triq Papa Pawlu 6. |
| 5309 | E-mail mingħand MCCAA dwar l-użu ta' pestiċidi f'żoni pubbliċi. |
| 5310 | *E-mail* mingħand Maryanne Spiteri dwar kera ta' *farmhouse* fil-Munxar għad-delegazzjoni minn Cicciano bejn is-27 u t-30 ta' Ġunju 2015 – prezz totali ta' 360 Ewro. |
| 5311 | Ittra mill-Uffiċċju Parrokkjali dwar xi bozoz maħruqin li jdawlu l-koppla tal-knisja; dawn diġa ġew irrapurtati. |
| 5312 | *E-mail* mingħand il-Kumitat tal-Festi Esterni dwar kollaborazzjoni fix-Xalata tal-Festa. |
| 5313 | Talba mill-Kunsill lis-Sur Michael Gatt - GAGF - għall-estensjoni fuq iż-żmien biex jitlesta l-proġett tal-pjazza (Miżura 413.4) sas-7 ta' Awissu 2015. Din ġiet aċċettata. |
| 5314 | *E-mail* mingħand Rita Mifsud Attard dwar URBACT III Call. |
| 5315 | *E-mail* lill-Inġinier Bajada dwar *mobile toilets* fil-Bajja ta' San Blas. Dr. Josianne Cutajar spjegat li wara problemi fit-tender li kellu jerġa' jinħareġ, il-Gvern niżżel wieħed għalissa. |
| 5316 | *E-mail* ta' Hospice Malta dwar Fundraising Activity fis-7 ta' Ġunju 2015. |
| 5317 | *E-mail* mingħand Times of Malta dwar reklamar fuq l-Imnarja fuq is-suppliment li se joħroġ fuq Għawdex fil-21 ta' Ġunju. |
| 5318 | *E-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar laqgħa li fiha jiġu sottomessi ideat għal arti fi spazji pubbliċi; din miftuħa għall-artisti u ser issir il-Ħamis 11 ta' Ġunju fl-10.00a.m. fil-Ministeru għal Għawdex li għaliha ser jattendi Michael Camilleri. |
| 5319 | *E-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar konferenza li ser tiffoka fuq l-ilma tax-xita u l-isfidi li niffaċċjaw minħabba l-influss tiegħu fit-toroq nhar il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju fil-Corinthia Palace. |
| 5321 | *E-mail* mill-Bord tal-Ko-finanzjament dwar materjal promozzjonali fuq proġetti li gawdew mill-fond tal-ko-finanzjament; l-informazzjoni u r-ritratti ġew ipprovduti lill-Bord. |
| 5322 | *E-mail* mingħand Cash & Band fejn qed isaqsu jekk hux ser jieħdu sehem fil-*Wine Festival.* |
| 5323 | *E-mail* mingħand Isabella Camilleri Aquilina dwar seminar li se jsir rigward attivitajiet kulturali; ser jattendi l-aġent segretarju eżekuttiv u ser isir fis-sala tal-Ministeru għal Għawdex fit-12 ta' Ġunju 2015. |

## 4. Approvazzjoni tal-Pjan Tat-Tliet Snin 2015 – 2017.

Il-Kunsill iddiskuta u approva dan ir-rapport, li kien ċirkolat lill-kunsilliera qabel il-laqgħa. Josianne Cutajar talbet xi emendi u dawn ġew approvati. Il-Kunsill approva unanimament dan id-dokument.

5. **Approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv 2014.**

Il-Kunsill iddiskuta u approva dan ir-rapport, li kien ċirkolat lill-kunsilliera qabel il-laqgħa. Josianne Cutajar talbet xi emendi u dawn ġew approvati. Il-Kunsill approva unanimament dan id-dokument.

L-aġent segretarju eżekuttiv ippreżenta l-management letter u r-risposta tal-Kunsill. Din ġiet diskussa u emendata. Il-Kunsill unanimament approva ir-risposta li ser tintbagħat lid-Dipartiment, l-awdituri u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur.

Josianne Cutajar qalet illi filwaqt li l-Kunsill ħa azzjoni fuq diversi punti mqajma mill-awditur fis-sena ta' qabel, huwa importanti illi l-Kunsill jagħmel ħilitu biex jindirizza mill-aħjar li jista' punti oħra li qed isir aċċenn għalihom minn sena għal sena. Is-Sindku spjega li filwaqt li jifhem il-punti mqajma mill-awditur, ħafna minnhom ġew indirizzati u l-Kunsill ser jagħmel li jista' biex jindirizza materji oħra fil-limitazzjonijiet tiegħu.

6. **Approvazzjoni ta' Pagamenti.**

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti li ġiet ippreżentata qabel il-laqgħa. Il-Viċi-Sindku staqsa jekk il-pagamenti humiex ser jitħallsu issa u s-Sindku wieġeb li, skont il-Liġi, kull pagament li jkun approvat irid jiġi effetwat fi żmien rispettabli. Josianne Cutajar staqsiet dwar invoice ta' removal of sleeping policeman fi Triq id-Duru. Il-Viċi-Sindku u Josianne Cutajar innotaw li dan ix-xogħol ma ġiex diskuss mill-Kunsill, u s-Sindku ser jivverifika jekk kellniex bżonn permess ta' Transport Malta. Is-Sindku semma ċekk ta' deposit tal-farmhouse ta' 120 Ewro lil Maryanne Spiteri u 9.32 Ewro għal avviż tal-offerti pubbliċi li ser jiżdiedu. Il-Kunsill approva din l-iskeda.

Josianne Cutajar talbet kjarifika dwar żewġ invoices; waħda mingħajr data fuqha u oħra dubjuża. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv jiċċekja dwarhom u qal li dawn ma kienux jiffurmaw parti mill-iskeda ta' pagamenti għal din il-laqgħa.

7. **Offerti Pubbliċi għall-Manutensjoni tal-Ġnien u l-Latrina Pubblika fi Ġnien il-Kunsill u tal-Knis fl-Areas tax-Xagħri u San Blas.**

Is-Sindku innota li dawn il-kuntratti waslu biex jiskadu u għalhekk iridu jinħarġu mill-ġdid. Hu kompla li ser jiskadu wkoll il-kuntratti tal-manutensjoni tal-ġonna ta' Kenuna, tal-Ħali u ta' San Blas. Is-Sindku ppropona li l-aħħar tliet kuntratti jibdew jieħdu ħsiebhom il-*handymen* tal-Kunsill; hu diġa nforma lil dawn il-ħaddiema b'dan ix-xogħol il-ġdid. Il-Viċi-Sindku nnota li, f'ċerti ċirkustanzi, nistgħu nqabbdu lil xi ħadd jekk ikollna bżonn ċertu xogħlijiet. Il-Kunsill

qabel ma' din il-proposta. Il-Viċi Sindku nnota li, possibilment ningħataw ħaddiema assenjati magħna mill-Ministeru għal Għawdex jew mill-ETC. Is-Sindku nnota li qed tigi evalwata din il-possibilita. Dr. Rita Mifsud staqsiet dwar il-vijabilita jekk immorru għal din il-proposta.

Il-Kunsill iddiskuta d-dettalji relatati ma' dawn l-offerti, li kienu ntbagħtu lill-kunsilliera qabel il-laqgħa. Ġew approvati l-emendi għal dawn l-ispeċifikazzjonijiet. Id-data tal-għeluq hi l-Erbgħa, 10 ta' Lulju 2015. Dawn huma kuntratti żgħar u ser ikunu mingħajr *bid bond.*

Il-Kunsill qabel ukoll li l-offerti tal-kiri tal-makkinarju u proviżjoni ta' konkos li jagħlqu fid-19 ta' Ġunju, jinfetħu fid-19 ta' Ġunju fis-6 p.m fil-preżenza tal-membri tal-Kunsill li jistgħu jkunu preżenti.

**8. Attivitajiet Imnarja, inkluż kwotazzjonijiet.**

Is-Sindku innota li dwar il-wirja agrarja,il-Ministeru għal Għawdex qed jipprovdi 300 Ewro, filwaqt li wera lil Kunsilliera r-rigal li ser jingħata lill-esebituri wara li s-Sindku u Michael Camilleri nnegozjaw prezz li ma jeċċediex il-500 Ewro mingħand Abraham Supplies għal flixkun żejt ta' 250ml. Josianne Cutajar spjegat kif is-Segretarjat Parlamentari ta' Roderick Galdes offrewlna l-materjal u għajnuna loġistika. Is-Sindku innota li l-annimali l-kbar mhux ser jidħlu fi Pjazza Dun Martin Camilleri. Il-Kunsill approva l-*entertainment*. Il-plattini li jintużaw fil-wirja ser jibdew jinbidlu ma' pots tax-xtieli minn sena għal oħra.

Is-Sindku kompla li għall-attivita tat-tfal, Annette Portelli Said sabet l-entertainment kollu bla ħlas (madwar sagħtejn u nofs). Hu kompla li sibna *sponsors* mingħand Coca Cola u Simon Said ta' Kozmos għal snack u drink. Is-Sindku nnota li s-CD tal-marċi ser jiswa 1,600 Ewro. Michael Camilleri innota li ser ssir *launch* tiegħu nhar il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju. Il-Viċi Sindku sostna li l-Kunsill għandu jingħata rikonoxximent mistħoqq.

Is-Sindku kompla li l-Kumitat Festi Esterni għamel talba għal għajnuna fil-kiri ta' siġġijiet u mużika tax-xalata tal-1 ta' Lulju. Il-Vici Sindku Eucharist Camilleri nnota li rridu noqgħodu attenti dwar l-aspett finanzjarju. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li jikkollabora permezz tas-servizz tad-dawl u s-sistema tal-P.A. Is-Sindku nnota li għadu kif irċieva talba mingħand l-Għaqda tal-Armar ta' Triq il-Kappillan. Il-Kunsill qabel li jikkollabora bi spiża tal-P.A. System li ma teċċedix 150 Ewro. Hu kompla li, wara li ltqajna mal-Għaqda Armar Diċembru 13, il-Kunsill qabel li jikkollabora f'din l-attivita bi spiża li ma teċċedix l-400 Ewro.

Is-Sindku nnota li ser nospitaw delegazzjoni minn Cicciano bejn is-27 u t-30 ta' Ġunju. Din id-delegazzjoni ser tiltaqa mal-Kunsill nhar il-Ħadd 28 ta' Ġunju fid-9.00 a.m. fl-uffiċċju tal-Kunsill fejn ser nipprovdulhom breakfast. Il-programm qed jinħadem minnu, Michael Camilleri u Paul Mercieca. Is-Sindku kompla li, kif diġa nforma lill-kunsilliera ser inħallsu għal *crane* għall-arblu sabiex jittella' ħdejn it-Torri ta' Kenuna. Ser nikkollaboraw fil-kunċert tal-Banda tal-Festa b'1,000 Ewro u reklam fuq il-fuljett Mnarja b'100 Ewro. It-tiġrija taż-żwiemel

ser issir il-Ħadd 28 ta' Ġunju filgħodu u ser jinħarġu l-permessi. Il-Kunsill ser jorganizza l-parti relatata mat-tqassim tat-trofej bi spiża li ma teċċedix is-600 Ewro.

**Kwotazzjonijiet relatati mal-Imnarja:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sistema tal-P.A. (01/2015)** | Power Sound | 988 Ewro |
| | High End | 1,240 Ewro |
| | Cloud 9 | 974 Ewro |

Il-Kunsill qabel li naċċettaw l-offerta ta' Cloud 9 għax kellha l-iktar prezz favorevoli.

| | | |
|---|---|---|
| **Tindif fit-toroq (02/2015)** | Sharlon Mercieca | 3965 Ewro |

Il-Kunsill aċċetta l-offerta.

| | | |
|---|---|---|
| **Sistema tad-dawl (03/2015)** | Sourcelite | 578 Ewro |

Il-Kunsill aċċetta din l-offerta.

Il-Kunsill aċċetta wkoll l-offerta ta' JumpMalta (total ta' 785 Ewro) għall-logħob fl-attivita tat-tfal fit-22 ta' Ġunju 2015.

## 9. Proġett Pjazza San Pietru u San Pawl.

Is-Sindku nnota li għamilna talba għall-estensjoni fuq ix-xogħlijiet u din ġiet aċċettata u għalhekk l-approvazzjoni hi għas-7 ta' Awissu 2015. Hu semma wkoll li ser inħallsu 50 Ewro għar-ritratti relatati ma' esebizzjoni tal-proġetti finanzjati mill-Fond ta' ko-finanzjament. Hu stieden lill-kunsilliera biex niltaqgħu mal-kuntrattur eżatt wara l-laqgħa. Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-livell maz-zuntier tal-knisja u s-Sindku spjega. Il-Viċi Sindku staqsa dwar l-*street furniture* biex noqgħodu attenti u s-Sindku wieġeb li dwar dan qed nieħdu ħsieb ukoll. Is-Sindku nnota li l-kuntrattur hu kommess li l-pjazza tkun fl-aħjar stat possibbli qabel il-festa tal-lokalita; dwar dan diġa l-pubbliku hu nfurmat. Il-messaġġ li rridu nwasslu irid ikun li aħna għandna nikkombinaw il-proġett tal-pjazza mal-preparazzjoni għall-festa tar-raħal u mhux waħda teskludi lil oħra. Hu kompla li ma jridx li ssir ħsara lill-armar u wisq anqas fil-pavimentar.

## 10. Refuse Collection u Skips ta' Xurdin.

Is-Sindku tkellem dwar il-ġbir tal-iskart minn wara l-bibien tad-djar. Wara d-diversi kampanji li saru minn amministrazzjonijiet ċentrali u lokali, il-poplu hu nfurmat biżżejjed dwar il-bżonn ta' riċiklaġġ. Il-Kunsill qed iħallas dejjem iktar ta' dan is-servizz. Għalhekk minħabba dawn ir-

raġunijiet, is-Sindku ppropona li jigi eskluż il-Ħamis mill-ġbir tal-iskart. Dr.Josianne Cutajar issekondat din il-proposta u l-Kunsill qabel unanimament. Din il-bidla ser tibda mill-ġimgħa li tibda mis-6 ta' Lulju u l-ewwel darba li ma jinġabarx l-iskart ser ikun il-Ħamis 9 ta' Lulju.

Is-Sindku kompla li qed noffru s-servizz ta' ġbir ta' skart goff. Il-Viċi Sindku nnota li għandna nkunu ċari li dak li jitolbu r-residenti ikun dak li verament jinġabar mill-kuntrattur. Is-Sindku kompla li għar-rigward tas-servizz tal-open skips, mit-tlett ijiem fil-ġimgħa nistgħu ninżlu għal darbtejn fil-ġimgħa u għalhekk qed jipproponi li titnaqqas il-ġurnata tat-Tnejn u nħallu l-Erbgħa u s-Sibt. L-*attendant* ikun hemm nhar ta' Tnejn biex javża lin-nies fil-bidu ta' din il-bidla. Il-Kunsill qabel ukoll ma' dawn il-proposti. Is-Sindku innota li, biex navżaw lir-residenti, inqassmu pubblikazzjoni bil-posta f'kull dar bejn l-1 ta' Lulju u l-4 ta' Lulju.

**11. Affarijiet Oħra.**

a) Is-Sindku nnota li rċieva talba għal *sleeping policeman* f'Daħlet Qorrot. Il-Kunsill qabel li napplikaw għal din, sakemm din tkun mizbugħa u mdawla sew, jew tiġi installata tabella li tixgħel. Fuq punt tal-Viċi Sindku, ser niċċekkjaw dwar l-installazzjoni ta' *solar panels* kemm fil-Ġnien ta' San Blas u anki fil-latrina ta' Daħlet Qorrot wara li ġew approvati minn Kunsill Lokali preċedenti.

b) Is-Sindku ressaq talba għal communal un/loading bay quddiem Pralines Confectionery fi Triq Madre Ġemma Camilleri, u 1.5 metre double yellow line quddiem Residenza 54, Triq Xjuf ir-Riħ. Dawn ġew approvati u ser issir it-talba lil TM.

c) Il-Kunsill iddiskuta l-problema ta' gandott fi Triq ir-Ramla. Dan ser jitnaddaf dil-ġimgħa (twil 20 metru). Madanakollu, qabel niddeċiedu x'ser jiġri minn dan il-gandott, ser jiġu avviċinati xi bdiewa ħa naraw xi problem hemm rigward dan il-każ.

d) Is-Sindku nnota li l-ħarġa tal-anzjani li jmiss ser tkun fit-13 ta'Lulju fejn ser ikollhom quddiesa ż-Żebbuġ u ħarġa l-Qbajjar Marsalforn.

e) Il-Kunsill iddiskuta talba mill-Arċipriet għal 50 Ewro fix-xahar għat-trasport tal-anzjani ta' Dar Franġisk Grima. Il-Kunsill diġa qed iħallas lill-organizzatur – Joseph Said – tas-servizzi tiegħu. Wara diskussjoni ġie deċiz li niktbulu biex ngħidulu li m'aħniex f'posizzjoni finanzjarja li naċċettaw it-talba tiegħu f'dan l-istadju u li ser nerġgħu nikkunsidraw din it-talba aktar 'il quddiem.

f) Is-Sindku nnota li tranġat ħadida fi Triq it-Tiġrija mal-iskola, jridu jsiru l-ħadid fil-bajja ta' Daħlet Qorrot u ħadid fi Triq Dun Ġorg Preca.

g) Is-Sindku kompla li għandna talba għal mera fi Triq il-Madonna ta' Fatima u hemm bżonn ukoll li jinbidel il-*litter bin* ħdejn il-Każin tal-Banda.

h) Is-Sindku nnota li għandna bżonn napplikaw għal internet banking – view only – mal-Bank of Valletta u il-Kunsill qabel.

i) Is-Sindku nnota li għal Wine Festival, Delicata ser iħallas terz tal-entertainment. Il-Viċi Sindku nnota li kien kontra li jiżdied il-prezz tat-tazzi. Nistgħu ninnegozzjaw magħhom kummissjoni għal Kunsill fuq kull tazza.

j) Josianne Cutajar innotat li hemm bżonn bozza fi Triq il-Qala man-naħa ta' Borg Garage, *double yellow lines* ma' razzett fi Triq Grunju, u li titranġa bankina fi Triq ir-Ramla. Is-Sindku talab dettalji ta' kull residenza.

k) Michael Camilleri semma l-bzonn ta' zbir tas-siġar fi Triq l-Arċipriet Saver Cassar. Is-Sindku talab dettalji tal-post.

l) Il-Viċi Sindku nnota li hu attenda għall-laqgħa ta' Transport Malta dwar informazzjoni fuq ir-rotot. Hu semma l-importanza li ssir diskussjoni fuq it-trasport publiku meta tkun lesta l-Pjazza. Is-Sindku staqsa jekk għandniex niktbu lil Transport Malta dwar immaniġġjar tat-traffiku. Kien hemm qbil li parkeġġi riservati sempliċiment għax residenti m'għandhomx jiġu aċċettati. Il-Viċi Sindku kompla li tal-linja card ser jibgħatuhom bil-posta u nnota li l-pubbliku jaqbillu jużaha.

m) Micheal Camilleri innota li attenda għall-laqgħa dwar il-program Erasmus. L-enfasi hi Erasmus (EU 2020) b'finanzjament ta' 75 jew 85 fil-mija. Irridu nkunu ffokati fuq partnerships nkluż ma' kunsilli lokali oħra. Il-Viċi Sindku nnota li neputih Anthony Camilleri Fisher hu espert fil-fondi Ewropej. Il-Kunsill qabel li għandna niltaqgħu miegħu speċjalment dwar il-finanzjament ta' Ċentru Ċiviku.

n) Is-Sindku nnota li tkellem ma' Danica Cassar dwar ir-rwol ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ. Kien hemm qbil li f'okkażjonijiet formali Danica għandha tkun mistiedna.

## 12. Data għall-Laqgħa Oħra

Il-laqgħa spiċċat fl-10.00 p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 7 ta' Lulju, 2015, fis-6.00 pm.

Kunsill Lokali: Nadur

Skeda Numru 4

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 14/04/15 - 07/07/15

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Nadur Local Council | €2,400.00 | €2,400.00 | | Transfer to APS | 17/04/15 | | 13807 |
| 2 | Ozone Ltd | €7.64 | €7.64 | | Telephone bill | 20/04/15 | 108885 | 13808 |
| 3 | Gino Garage | €35.40 | €35.40 | | Transfer from Cirkewwa | 24/04/15 | | 13809 |
| 4 | Claire Hili | €987.60 | €987.60 | | April Salary | 27/04/15 | | 13810 |
| 5 | Charles Said | €440.52 | €440.52 | | April Mayor's Allowance | 27/04/15 | | 13811 |
| 6 | Saviour Xiberras | €1,104.99 | €1,104.99 | | April's Salary | 27/04/15 | | 13812 |
| 7 | Ghaqda Armar Pjazza | €37.00 | €37.00 | | Replacement cheque for plants | 27/04/15 | | 13813 |
| 8 | DOI | €9.32 | €9.32 | | Advert | 09/06/15 | | 13814 |
| 9 | DOI | €9.32 | €9.32 | | Advert | 09/06/15 | | 13815 |
| 10 | Nadur Local Council | €100.83 | €100.83 | | Petty Cash | 05/04/15 | | 13816 |
| 11 | Scan Centre | €332.10 | €332.10 | | Reception Desk Computer | 01/06/15 | IP4145547 | 13817 |
| 12 | John Ivan Xuereb | €1,529.34 | €1,529.34 | | GeneralHand April | 19/05/15 | | 13818 |
| 13 | Matthew Xuereb | €153.17 | €153.17 | | GeneralHand April | 19/05/15 | | 13819 |
| 14 | Therese Finger | €750.12 | €750.12 | | Clerical services - April | 19/05/15 | | 13820 |
| 15 | CIR | €825.16 | €825.16 | | FS5- April | 19/05/15 | | 13821 |
| 16 | Mandy Sultana | €150.00 | €150.00 | | Carnival | 22/05/15 | | 13822 |
| 17 | Edward Said | €440.36 | €440.36 | | Mayor's Allowance | 26/05/15 | | 13823 |
| 18 | Claire Hili | €987.60 | €987.60 | | Salary - May | 26/05/15 | | 13824 |
| 19 | Saviour Xiberras | €1,104.99 | €1,104.99 | | Salary - May | 26/05/15 | | 13825 |
| 20 | VOID | VOID | VOID | | VOID | 27/05/15 | | 13826 |
| | | | | | | | | |
| | **Total** | **€11,405.46** | **€11,405.46** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Nadur** **Skeda Numru 4**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 14/04/15 - 07/07/15

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Nadur Local Council | €103.97 | €103.97 | | Petty Cash | 27/05/15 | | 13827 |
| 22 | Maltapost | €29.78 | €29.78 | | Bulk postage | 28/05/15 | | 13828 |
| 23 | Therese Finger | €901.46 | €901.46 | | Clerical services | 29/05/15 | | 13829 |
| 24 | DOI | €9.32 | €9.32 | | Advert | 02/05/15 | | 13830 |
| 25 | CIR | €842.16 | €842.16 | | FS5 May | 02/05/15 | | 13831 |
| 26 | Joe Said | €280.00 | €280.00 | | Dar Dun Frangisk Grima - March and April | 02/05/15 | | 13832 |
| 27 | Rita Sultana | €120.00 | €120.00 | | Day Centre Helper - April | 02/05/15 | | 13833 |
| 28 | Mary Attard | €59.13 | €59.13 | | Library - april | 02/05/15 | | 13834 |
| 29 | Mary Attard | €78.84 | €78.84 | | Library - February | 02/05/15 | | 13835 |
| 30 | Marthese Caruana | €138.72 | €138.72 | | Cleanerl - March - April | 02/05/15 | | 13836 |
| 31 | Mary Rose Grima | €150.00 | €150.00 | | Day Centre Helper - April | 02/05/15 | | 13837 |
| 32 | Anthony Magro | €138.72 | €138.72 | | General hand April | 02/05/15 | | 13838 |
| 33 | Gemma Zammit | €140.00 | €140.00 | | Day Centre Co-ordinator April | 02/05/15 | | 13839 |
| 34 | Matthew Xuereb | €156.06 | €156.06 | | General Hand - May | 02/05/15 | | 13840 |
| 35 | Mary Anne Spiteri | €120.00 | €120.00 | | deposit on rental of farmhouse | 02/05/15 | | 13841 |
| 36 | John Ivan Xuereb | €1,385.74 | €1,385.74 | | General hand May | 05/06/15 | | 13842 |
| 37 | DOI | €9.32 | €9.32 | | Advert | 09/06/15 | | 13843 |
| 38 | VOID | VOID | VOID | | VOID | 10/06/15 | | 13844 |
| 39 | P & J Debono | €187.49 | €187.49 | | San Blas | 30.04.15 | 17902 | 13845 |
| 40 | | | | | | | | |
| | **Sub total** | **€4,850.71** | **€4,850.71** | | | | | |
| | **balance b/f** | **€11,405.46** | **€11,405.46** | | | | | |
| | **balance c/f** | **€16,256.17** | **€16,256.17** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Nadur

Skeda Numru 4

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 14/04/15 - 07/07/15

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Compass Group Ltd. | €395.48 | €395.48 | | Business insurance | 12/05/15 | 20245/20246 | 13847 |
| 42 | R.A.& Sons Ltd | €257.99 | €257.99 | | Tiles | 27/04/15 | 16171/16027 | 13848 |
| 43 | Michael Refalo | €120.00 | €120.00 | | Emptying of cesspit | 28/04/15 | 3817 | 13849 |
| 44 | Salvu Meilak | €185.25 | €185.25 | | Cleaning of Public Convenience | 04/05/15 | 8664071 | 13850 |
| 45 | VOID | VOID | VOID | | VOID | 22/06/15 | | 13851 |
| 46 | D.Illumination Ltd | €633.07 | €633.07 | | Good Friday Cross | 06/05/15 | 512 | 13852 |
| 47 | D.Illumination Ltd | €698.19 | €698.19 | | Lighting December 13th Street | 06/05/15 | 513 | 13853 |
| 48 | Mario Mallia | €111.70 | €111.70 | | 2 road traffic mirrors | 09/05/15 | 134/15 | 13854 |
| 49 | Lands department | €750.00 | €750.00 | | Rent | 04/05/15 | 1370752 | 13855 |
| 50 | GO Plc | €259.10 | €259.10 | | Telephone bills | 08/06/15 | 43801976 | 13856 |
| 51 | Chris Paul Cardona | €174.50 | €174.50 | | Sweeping of San Blas Area | 30/04/15 | 33 | 13857 |
| 52 | Mario Cardona | €118.75 | €118.75 | | Opening of Public Convenience | 30/04/15 | 49 | 13858 |
| 53 | Marvin Camilleri | €161.50 | €161.50 | | Cleaning of San Blas and tal-Hali Area | 30/04/15 | 68 | 13859 |
| 54 | Josef Camilleri | €104.50 | €104.50 | | Ta' Kenuna Cleaning | 30/041/15 | 69 | 13860 |
| 55 | KIP | €4,180.00 | €4,180.00 | | Refuse Collection April | 30/04/15 | 19247 | 13861 |
| 56 | Ozone Ltd | €38.24 | €38.24 | | Telephone bills | 30/04/15 | 109773 | 13862 |
| 57 | Charles Mifsud | €190.00 | €190.00 | | Sweeping of Xaghri Area - April | 30/04/15 | | 13863 |
| 58 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | €96.62 | €96.62 | | Contract Manager Fee | 30/04/15 | 3329 | 13864 |
| 59 | Joseph Azzopardi | €602.80 | €602.80 | | Salary - April | 30/04/15 | | 13865 |
| 60 | Joseph Azzopardi | €704.10 | €704.10 | | Salary - May | 30/05/15 | | 13866 |
| | **Sub total** | **€9,781.79** | **€9,781.79** | | | | | |
| | **balance b/f** | **€26,423.00** | **€26,423.00** | | | | | |
| | **balance c/f** | **€36,204.79** | **€36,204.79** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Nadur

Skeda Numru 4

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Data: 14/04/15 - 07/07/15

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Smart Office Ltd. | €139.76 | €139.76 | | Stationery | 17/04/15 | 20862/20863 | 13867 |
| 62 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | €27.49 | €27.49 | | Contract manager services | 29/04/15 | 3302 | 13868 |
| 63 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | €79.65 | €79.65 | | Consultancy fee | 29/04/15 | 3312 | 13869 |
| 64 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | €67.26 | €67.26 | | Cosultancy fee | 29/04/15 | 3313 | 13870 |
| 65 | Saviour Xiberras | €105.00 | €105.00 | | Fuel Allowance | 30/04/15 | | 13871 |
| 66 | Inserv | €40.69 | €40.69 | | Garbage bags | 23/04/15 | 273479 | 13872 |
| 67 | Road Construction Co. Ltd. | €212.40 | €212.40 | | Cold Mix | 21/04/15 | 12892 | 13873 |
| 68 | Xerri's Garden Centre | €32.00 | €32.00 | | Plants | 16/03/15 | 2332 | 13874 |
| 69 | Peter Paul Said | €354.00 | €354.00 | | Removal of sleeping policeman | 04/04/15 | 4211 | 13875 |
| 70 | Peter Paul Said | €354.00 | €354.00 | | Removal of sleeping policeman | 04/04/15 | 4212 | 13876 |
| 71 | BCD Graphics. Ltd | €84.00 | €84.00 | | Mother's Day Poster | 10/04/15 | 5394 | 13877 |
| 72 | Keen | €171.10 | €171.10 | | Printing of PVC Sign | 10/04/15 | 4742 | 13878 |
| 73 | Gatt Tarmac Ltd. | €2,472.81 | €2,472.81 | | Supply of cold asphalt | 25/03/15 | 1499 | 13879 |
| 74 | Pjazzetta Hardware Store | €740.00 | €740.00 | | Hardware goods | 31/01/15 | 20363/20364/20405/20411/20458/2055 | 13880 |
| 75 | Gozo Action Group | €500.00 | €500.00 | | Locasl Council Fee for each councillor | 19/05/15 | GAGF 07/2015 | 13881 |
| 76 | Waste Serve Malta Ltd. | €2,216.04 | €2,216.04 | | Wasteserv April | 14/05/15 | 57160 | 13882 |
| 77 | MITA | €24.84 | €24.84 | | E-mail accounts | 26/05/15 | SIN31993 | 13883 |
| 78 | MITA | €833.69 | €833.69 | | Provision and support of wide area connectivity | 18/05/15 | SIN31993 | 13884 |
| 79 | VOID | VOID | VOID | | VOID | 18/06/15 | | 13885 |
| 80 | MITA | €6.00 | €6.00 | | | | LNAD02 | 13886 |
| | **Sub total** | **€8,460.73** | **€8,460.73** | | | | | |
| | **balance b/f** | **€26,037.96** | **€26,037.96** | | | | | |
| | **balalce c/f** | **€34,498.69** | **€34,498.69** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv